TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Doris Cortis

vs

Lawrence Grech

CCT 147/16/MS

23 ta' Ottubru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-2 ta' Awwissu fejn ir-rikorrenti talbet l-ammont ta' €1,333,84 minghand l-intimat wara li dan gie inkarigat biex inaddaf sufan propjeta' tar-rikorrenti, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentat fit-30 ta' Awwissu fejn cahad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u dana ghaliex is-sufan kellu hamsa u ghoxrin sena u di piu kellu tbajja tas-sadid li ma jmorrux bil-hasil.

Sema l-provi bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti kienet qabbdet lill-intimat sabiex jaghmillha xoghol ta' tindif fuq is-sufan 'three seater' u zewg pultruni. Fis-6 ta' Mejju 2016 l-intimat irrikorra fuq il-post u wettaq ix-xogholijiet ta' tindif u r-rikorrenti hallset l-ammont ta' disghin Euro, alavolja s-sufan kien ghadu imxarrab u ma setghetx tara r-rizultat. Meta nixef, ir-rikorrenti tallega li s-sufan deher aghar milli kien. Ghalhekk l-intimat accetta illi jerga' jaghmel ix-xoghol mill-gdid. Wara xi zmien, dan ix-xoghol sar izda ghal darb'ohra ma kienx success u skond ir-rikorrenti s-sufan deher aghar milli kien qabel. Skond ma xehdet, ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien accetta li jtiha 'full refund' ta' disghin Euro kif ukoll hamsin Euro ghall-uzu tad-dawl u l-ilma. Qallha wkoll biex tmur tixtri drapp sabiex is-sufan jerga' jigi tappizzat. Ir-rikorrenti xtrat id-drapp minghand Joinwell (ara fattura datata 1 ta' Lulju 2016) ghas-somma ta' €693.84. Nefqet ukoll €500.00 ghand Ronnie's Upholstery Works.

Min-naha l-ohra, l-intimat, filwaqt illi jikkonferma li hu wettaq ix-xoghol fuq is-sufan, qal illi dan kellu 25 sena u kellu xi tbajja tas-sadid. Uza procedura li tinkludi l-ilma ghall-hasil tas-sufan u jaf illi meta nixef ir-rikorrent ilmentat mieghu li s-sufan deher aghar milli kien qabel. L-intimat accetta illi jaghmel ix-xoghol mill-gdid u din id-darba jghid illi x-xoghol deher ahjar mill-ewwel darba. Ta' dan ma talab l-ebda hlas pero xorta r-rikorrenti ma kenitx kuntenta ghax it-tbajja minbarra li ma marrux hadu kulur hamrani. ir-rikorrenti tatribwixxi dan il-kulur ghall-uzu tas-Sgrassatore mentri l-intimat, filwaqt illi ikkonferma illi uza dan il-prodott, jinnega li dan kien konsegwenza ta' l-uzu ta' dan il-prodott u jinsisti illi wara l-ewwel intervent r-rikorrenti bil-fors harget is-sufan fix-xemx kontra l-parir tieghu, biex b'hekk sar il-bdil fil-kulur. L-intimat ma jsemmi xejn dwar l-offerta tal-hlas illi ssemmiet ir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi bhala fatt, irrizulta li l-intimat dahal ghal din il-bicca xoghol biex inaddaf sufan li kien jaf li kellu tbajja u li kien jaf li ghandu 25 sena u inutli li jiprrova jattribwixxi xi forma ta' tort ghal dawn il-fatti. Jekk kien hemm xi riskju jew jekk kien jahseb illi mhux ha jirnexxi fix-xoghol ma missux dahal ghaliha, iktar u iktar meta ghandu 25 sena esperjenza f'dan ix-xoghol.

Illi b'25 sena esperjenza f'dan il-qasam, ir-rikorrenti kellha ragun tippretendi illi kien jaf x'qed jaghmel u li kienet qed tqabbad persuna kompetenti tas-sengha sabiex iwettaq dan it-tindif. Fil-fatt l-intimat iggarantilha success fix-xoghol li kien ser jaghmel u qallha biex thalli f'idejh. Gara pero, li ma kienx il-kaz u wara l-ewwel darba, r-rikorrenti ilmentat mieghu li s-sufan deher aghar. L-intimat accetta r-responsabbilita tieghu. Ta min jinnota wkoll illi meta l-intimat u l-lavrant tieghu Andrea Grech raw is-sufan l-ewwel darba, irrimarkaw illi dan ma kienx fi stat daqshekk hazin kif issoltu imdorrijin jaraw fix-xoghol taghhom. Fil-fatt, ir-rikorrenti tghid illi dan is-sufan kien gie ritapizzat xi ghaxar snin ilu u ghalhekk kien ha 'make-over' u dehra gdida.

Illi l-fatt illi wara l-ewwel intervent l-intimat accetta li s-sufan biddel il-kulur u deher safrani tindika illi l-ilment tar-rikorrenti kien gustifikat. La darba dan ma giex rimedjat l-anqas it-tieni darba - anzi, skond ir-rikorrent, gie aghar - juri nuqqas ta' professjonalita' fix-xoghol esegwit. Kif diga innota t-Tribunal, l-intimat ma missux dahal ghaliha jekk kien jemm riskju illi dan ma kienx ser jirnexxi. L-allegazzjoni da parti tal-intimat, li r-rikorrenti kienet harget is-sufan fix-xemx, huwa biss allegazzjoni li ma gie ppruvat bl-ebda mod. Anzi r-rikorrenti, bil-gurament taghha, cahdet illi ghamlet hekk. It-Triunal huwa dispost ukoll illi jemmen il-versjoni tar-rikorrenti meta qalet illi l-intimat kien qallha biex tixtri d-drapp u fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ihoss illi kienet gustifikata illi tixtri d-drapp u tiksi s-sufan mill-gdid.

Illi pero, ir-rikorrenti ma pppovdietx informazzjoni lit-Tribunal dwar in-nefqa originali u l-kisi tas-sufan ghaxar snin qabel. ipprovdiet biss dokumentazzjoni fejn turi li d-drapp xtratu minghand id-ditta Joinwell ghall-prezz ta' €693.84. Din id-ditta hija wahda prestiggjuza u tajba u l-prezzijiet taghha mhumiex mill-irhas. Ir-rikorrenti kellha sufan li kellu 25 sena, b'tapizzerija illi kellha ghaxar snin. Dan iz-zmien jikkawza wear and tear u bl-ammissjoni taghha stess, klen hemm xi tbajja. Ghalhekk il-valur tieghu kien ftit jew wisq ridott, u ma tistax tipparagunah ma sufan bil-kisi mill-gdid. Pero, tajjeb jew hazin, is-sufan anke fl-istat kif kien qabel, ma kienx ghar-rimi. Anzi, kien f'kundizzjoni tajjeb u kien isservi lir-rikorrenti sew.

Illi minkejja li t-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghandha ragun tilmenta ma dan it-Tribunal u li l-intimat naqas fis-servizz li pprovda, ihoss ukoll illi jekk jilqa' t-talba fl-intier taghha ikun qed jikkrea sitwazzjoni ta' arrikament ingust bi pregudizzju ghall-intimat. Ghalhekk jidhirlu li ghandu jaghmel aggustament fil-prezz globali li talbet ir-rikorrenti. Wara konsiderazzjoni tal-figuri, jasal ghall-konkluzjoni arbitrio bono viri tac-cifra ta' disa' mitt Euro, bhala cifra ekwa u giusta fil-konfront taz-zewg partijiet.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimata li jhallasha l-ammont ta' disa' mitt Euro. Bl-ispejjes kontra tieghu.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**